MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 24/2003/1

**Nazzareno Abela**

**v.**

**Avukat Generali tar-Repubblika; Registratur tal-Qorti; Kummissarju tal-Puluzija u Direttur tal-Habs Civili**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, moghtija fis-7 ta' Lulju 2004, f'din il-kawza, liema sentenza qeghda tigi riprodotta hawn taht ghall-ahjar intendiment ta' l-odjerna sentenza:

"Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Nazzareno Abela fejn huwa ppremetta :-

Illi kien gie misjub hati fl-24 ta' Jannar 2000 wara li rregistra ammissjoni volontarja ta' akkuzi relatati ma' traffikar tad-droga u susegwentement gie kkundannat hdax il-sena (11) prigunerija u multa ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm22,000) fil-proceduri fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nazzareno Abela" (Att ta' Akkuza numru 29/97);

Illi s-sentenza hawn fuq riferuta giet ukoll kkonfermata fl-intier taghha mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza datata 19 ta' April 2001;

Illi s-sentenza imsemmija, l-esponent gie kkundannat hdax il-sena prigunerija u dana minghajr ma' saret ebda referenza ghal perjodu ta' tlitt (3) snin li l-esponent inzamm taht arrest preventiv fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin in relazzjoni ma' dawna l-proceduri. Illi jinghad li d-decizjoni 'n kwistjoni, la ordnat li z-zmien li l-esponent qatta taht arrest preventiv jigi mnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija nflitt, kif solitament isir, u anqas ma' kkumentat f'sens kuntrarju u cioe' li z-zmien imqatta taht arrest preventiv ma' kellux jghodd mal-perjodu ta' hdax (11) il-sena prigunerija li l-esponent ghandu jiskonta;

Illi minhabba f'dan, l-esponent sab ruhu f'sitwazzjoni arbitrarja kontra tieghu, fejn huwa gie kkundannat hdax (11) il-sena prigunerija ta' reat, meta fil-fatt ma' dawn il-hdax (11) il-sena ser ikun ghamel tlitt (3) snin habs ohra u dana b'mod u manjiera li komplessivament ser ikun ghamel perjodu ta' prigunerija li jmur oltre dak li l-esponent gie kkundannat fil-procedura msemmija;

Illi l-esponent jissottometti bir-rispett li kull perjodu li huwa jinzamm taht prigunerija, oltre l-perjodu ta' hdax il-sena, kompriz it-tlitt (3) snin li huwa ghamel arrestat, ikun stat ta' arrest illegali u detenzjoni arbitrarja u dana peress li ebda individwu ma' jista jiskonta sentenza li tmur oltre dak li fil-fatt l-istess individwu jkun gie kkundannat;

Illi l-esponent ghalhekk jissottometti bir-rispett li huwa ghandu jkun meqjus li skonta s-sentenza tieghu wara, li meta jigi kkalkolat iz-zmien li qatta taht arrest preventiv u l-perjodu ta' prigunerija susegwenti li bhalissa qed jigu skontati, l-esponent ikun qatta totalita ta' hdax il-sena habs (u dan minghajr pregudizzju ghal regolamenti amministrattivi ta' kalkolar ta' perjodu karcerarju kif stabbilit fir-regolamenti tal-habs). Illi kull perjodu oltre dan li l-esponenti iqatta l-habs huwa arrest illegali u detenzjoni arbitrarja;

Ghalhekk ir-rikorrenti talaba li dina l-Qorti tiddikjara li l-agir tal-intimati fil-konfront tal-esponent bhala wiehed li jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzjoni ta' Malta, in partikolari l-artikolu 34 tal-istess Kostituzjoni; tordna li l-perjodu ta' arrest li l-esponent ghamel in konnessjoni mal-kaz in kwistjoni jigi kalkolat bhala parti integrali mill-perjodu ta' hdax il-sena prigunerija li gie kkundannat l-esponent, sabiex b'hekk l-esponent jiskonta dak li effettivament gie kkundannat u mhux perjodu ta' prigunerija li jmur oltre dak imsemmi fis-sentenza u li jinghataw kwalunkwe provvedimenti li dina l-Qorti thoss li huma opportuni fic-cirkostanzi;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn gie sottomess :-

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent qed jallega ksur ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi r-rikorrent qed jippretendi li ladarba l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tad-19 ta' April 2001 ma ordnatx specifikatament it-tnaqqis taz-zmien ta' arrest preventiv mill-piena ta' prigunerija inflitta mill-istess Qorti kien hemm ksur tad-dritt tieghu ghal-liberta' personali;

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent illi komplessivament it-tliet snin ta' arrest preventiv u il-hdax il-sena ta' prigunerija jammontaw ghal piena ta' prigunerija aktar milli gie ikkundannat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma ghandha ebda fondament guridiku stante li t-tliet snin ta' arrest preventiv ma jistghu jitqiesu bhala parti mill-hdax il-sena ta' prigunerija stante li l-kalkolar tal-perjodu ta' arrest

preventiv fis-sentenza finali huwa diskrezzjonali u l-Qorti ma ghandha ebda obbligu illi tikkunsidrah meta tigi biex tikkundanna l-akkuzat ghal piena ta' prigunerija;

Illi din id-diskrezzjoni dwar jekk il-perjodu ta' arrest preventiv jitnaqqasx mill-piena finali dejjem giet ikkonfermata da parti tal-qrati nostrana illi rritenew li meta l-arrest preventiv ma jitnaqqasx fis-sentenza finali dan ma jfissirx illi l-Qorti tkun naqset milli taghmel dan izda jfisser illi tkun trid illi dan il-perjodu ma jitnaqqasx. Fil-fatt fil-kaz il-pulizija vs. Jean Glaude Cassar, Gordon Agius, Sandro Mifsud, Joseph Cini, Raymond Borg, David Spiteri, Melchior Spiteri, Adrian Dalton, Jason Lee Borg, Longino Aquilina, Hohtar Bashir Ben Duoi deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Marzu 2001 il-Qorti ta' l-Appel Kriminali (Sede Inferjuri) qalet li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis taz-zmien ta' l-arrest preventiv il-Qorti ghandha tordna hekk specifikatament fis-sentenza taghha. Jekk ma ssemmiehx dan ma jfissirx li l-Qorti tkun naqset li ssemmieh b'kapricc jew ghaliex insiet. Ifisser biss li l-qorti hasset tenut kont tac-cirkustanzi partikolari tal-kaz, li ma ghandiex tordna li z-zmien ta' l-arrest preventiv jigi mnaqqas mill-piena karcerarja inflitta;

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda fondamentali li l-arrest preventiv ghandu jitnaqqas mis-sentenza ta' prigunerija u fil-fatt l-arrest preventiv huwa sancit fil-Kostituzzjoni stess meta jkun hemm suspett ragonevoli li jkun sar reat;.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Awissu 2003 minn fejn jirrizulta li l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li fis-sentenza in kwestjoni cioe' dik tal-Onorevoli Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' April 2001 ma hemm xejn dwar x'ghandu isir dwar iz-zmien li r-rikorrenti ghamel taht arrest preventiv u minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ddikjara li huwa ghamel sentejn u hdax il-xahar that arrest preventiv;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2003 minn fejn jirrizulta li l-intimati ddikjaraw li jaqblu li r-rikorrenti ghamel zmien ta' sentejn u hdax il-xahar taht arrest preventiv;

Semghet ix-xhud prodott mir-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2004;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti jghamel referenza ghas-sentenza mghotija fil-konfront tieghu mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Jannar 2000 fil-proceduri fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nazzareno Abela" (Att ta' Akkuza numru 29/97). Huwa kien ammetta diversi akkuzi relatati ma' traffikar tad-droga u ghalhekk huwa kien gie misjub hati tal-istess akkuzi u kien gie kundannat ghall hdax (11) il-sena prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm22,000). Din is-sentenza kienet giet konfermata fl-intier taghha mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza datata 19 ta' April 2001;

Ir-rikorrenti jippremetti ukoll li fl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma' saret ebda referenza ghal perjodu kemm huwa dam mizmum taht arrest preventiv. Ir-rikorrenti jissottometti li s-sentenza finali la ordnat li z-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv jigi mnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija nflitt u lanqas ordnat il-kuntrarju. Ghalhekk, skond ir-rikorrenti, huwa jinsab f'sitwazzjoni arbitrarja li timmilita kontrih peress li l-periodu li ghamel taht arrest preventiv mhux ser ikun kunsidrat u konsgwentement komplessivament ser ikun ghamel perjodu ta' prigunerija li jmur oltre dak li ghalih huwa gie kkundannat. Ir-rikorrenti jissottometti ukoll li kull perjodu li huwa ser jinzamm taht prigunerija, oltre l-perjodu ta' hdax il-sena, jammonta ghal stat ta' arrest illegali u detenzjoni arbitrarja;

Ir-rikorrenti ghalhekk jissottometti li huwa ghandu jigi meqjus li skonta s-sentenza tieghu wara li jitqies ukoll il-

periodu kemm huwa dam jinzamm taht arrest preventiv. Ir-rikorrenti jippretendi li b'hekk qed jigu lesi d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 34 tal-Kostituzjoni. Huwa qed jippretendi ukoll li l-periodu kemm huwa dam taht arrest preventiv ghandu jigi kalkolat bhala parti integrali mill-perjodu ta' hdax il-sena prigunerija li ghalih huwa gie kkundannat;

Il-partijiet jaqblu li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma tghid xejn dwar x'ghandu isir biz-zmien li fih ir-rikorrenti nzamm taht arrest preventiv. Jaqblu ukoll li r-rikorrenti ghamel periodu ta' sentejn u hdax il-xahar arrestat preventivament in konnessjoni mal-proceduri penali in kwestjoni. (Vide verbali tas-seduti tat-18 ta' Awissu 2003 u tal-10 ta' Ottubru 2003);

Ir-rikorrenti jinvoka a favur tieghu l-provedimenti tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni;

Dan l-artikolu jissancixxi d-drtitt fundamentali li hadd ma ghandu jigi pprivat mill-liberta' personali tieghu. Dan pero' mhux dritt assolut u l-istess artikolu jghamel eccezzjonijiet ghal dan id-dritt. Dan l-artikolu ghalhekk jipprovdi li individwu jista jigi privat mill-liberta' personali tieghu fl-esekuzzjoni tas-sentenza dwar reat kriminali li tieghu ikun gie misjub hati, kif ukoll fuq suspett rgionevoli li huwa jkun kkommetta jew sejjer jikkommetti reat kriminali. In vista ta' dawn il-provedimenti la l-arrest preventiv u lanqas il-periodu ta' priguneria li ghalih gie kundannat ir-rikorrenti fl-imsemmija sentenza definittiva ma jistghu jitqiesu "per se" bhala periodi ta' arrest illegali jew abusiv fil-konfront tar-rikorenti;

Ir-rikorrenti pero' qed jikkontendi li kull perjodu li huwa ser jinzamm taht prigunerija, oltre l-perjodu li ghalih gie kundannat fis-sentenza finali, cioe' hdax il-sena, jammonta ghal stat ta' arrest illegali u detenzjoni arbitrarja. Huwa ghalhekk qed isostni li l-piena li ghaliha gie kundannat ghandha tonqos bil-periodu ta' kemm huwa dam jinzamm b'arrest preventiv. Din il-pretensjoni tar-rikorrenti, pero', mhux ibbazata fil-ligi. Dan qed jinghad

ukoll in vista tal-provedimenti tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni gia citati;

Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi li komplessivament il-periodu tal-arrest preventiv u il-piena karcerarja inflitta fis-sentenza definittiva jammontaw ghal piena ta' prigunerija aktar milli gie ikkundannat. In effett il-periodu kemm ir-rikorrenti dam jinzamm b'arrest preventiv zgur li mhux parti mill-piena li giet inflitta fuq ir-rikorrenti permezz tas-sentenza definittiva in kwestjoni. Minn dejjem gie ritenut li sta ghall-Qorti li tiddeciedi jekk il-periodu kemm l-akkuzat dam jinzamm b'arrest definitiv ghandux jitnaqqas jew le mill-piena inflitta. Gie ukoll ritenut li jekk il-Qorti ma ssemmi xejn dwar il-periodu li l-imputat ikun ghamel taht arrest preventiv dan ifisser li l-istess Qorti tkun trid li l-perjodu tal-arrest preventiv ma jitnaqqasx. Jekk il-Qorti trid li dan il-periodu jitnaqqas ghandha tghid daqshekk b'mod specifiku. (Vide "Il-Pulizija vs Jean Claude Cassar et" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Marzu 2001 u "Alfred Bugeja vs Direttur tal-Habs et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 1998);

L-abbli difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni orali ssottometta li tant din hi sitwazzjoni li hi lesiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li issa l-ligi tipprovdi li l-periodu tal-arrest preventiv ghandu dejjem jitnaqqas mill-piena karcerarja li tkun giet inflitta fis-sentenza definittiva. Difatti l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, wara li gie emendat fis-sena 2002, jipprovdi li z-zmien li l-akkuzat ikun ghamel taht arrest preventiv, qabel ma tinghata s-sentenza finali definittiva, ghandu jghodd bhala parti miz-zmien li ghalih huwa jkun gie kundannat fl-istess sentenza definittiva;

Dawn l-emendi sehhew wara li nghatat is-sentenza in kwestjoni. Ma jfissirx li la darba gew fis-sehh dawn l-emendi dak li kien jigri qabel kien kontra d-drittijiet fundamentali kif sanciti fil-Kostituzzjoni. Meta nghatat is-sentenza in kwestjoni ir-realta' guridika kienet dik li kien ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk iz-zmien tal-arrest preventiv jitnaqqax jew le mill-piena inflitta. Jekk il-Qorti ma tghidx xejn kien ifisser li tali periodu ma kellux jitnaqqas. Bl-ebda mod ma jirrizulta li din ir-realta' guridika

kienet irregolari jew b'xi mod lesiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Ghandu ukoll jigi rilevat li dawn il-proceduri mhux proceduri ulterjuri tal-appell;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti ma jirrizultawx sufficjentement pruvati u ghalhekk ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kontra r-rikorrenti."

2. Nazzareno Abela ("l-appellant") hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk appella minnha quddiem din il-Qorti b'rikors prezentat fil-21 ta' Lulju, 2004. Ghar-ragunijiet spjegati fl-istess rikors, l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju 2004, mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili u minflok tilqa' t-talbiet ta' l-appellant kontenuti fl-istess rikors u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimati.

3. L-Avukat Generali tar-Repubblika, ir-Registratur tal-Qorti, il-Kummissarju tal-Puluzija, kif ukoll id-Direttur tal-Habs Civili ("l-appellati") ikkontestaw l-appell b'risposta wahda ipprezentata minnhom fit-12 ta' Awissu, 2004. F'din ir-risposta huma gabu 'l quddiem ir-ragunijiet taghhom ghaliex is-sentenza appellata kienet wahda gusta u allura kienet timmerita konferma, u konsegwentement ghaliex l-appell kiellu jigi michud.

4. Din il-Qorti ezaminat akkuratament l-atti processwali kollha u semghet lid-difensuri tal-kontendenti fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2005. Ghalhekk issa din il-Qorti hija f'posizzjoni li tiddeciedi l-appell. Biex taghmel hekk, il-Qorti sejra tezamina d-diversi aggravji li ressaq l-appellant u tikkunsidrahom wiehed wiehed *seriatim*.

5. In succint hafna, b'din il-kawza l-appellant qieghed jinvoka l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, u qieghed jippretendi li din il-Qorti ghandha tordna li l-perjodu ta' arrest preventiv ta' cirka tlett (3) snin li l-appellant ghamel in konnessjoni mal-kaz in kwistjoni, ghandu jigi kalkolat bhala parti integrali mill-perjodu ta' hdax-il (11) sena prigunerija li ghaliha gie ikkundannat l-appellant, b'sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Onorabbli Qorti Kriminali fl-24 ta' Jannar 2000, liema sentenza giet konfermata kollha kemm hi mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali permezz ta' sentenza ohra datata 19 ta' April, 2001. Kif jidher mill-odjerna sentenza, l-ewwel Onorabbli Qorti ezaminat il-lanjanzi kostituzzjonali ta' l-appellant u ikkonkludiet li din it-talba ta' l-appellant ma kienitx tirrizulta sufficjentement pruvata u ghalhekk cahdet l-istess talba bl-ispejjez kontra l-appellant.

6. Bl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant qieghed jissottometti li l-ewwel Qorti kienet skorretta fil-motivazzjonijiet u d-decizjoni taghha. L-appellant enfasizza li f'dawn il-proceduri l-appellant ma huwiex qieghed jattakka l-validita` tal-perjodu ta' l-arrest preventiv li huwa ghamel in konnessjoni mal-kaz. Invece, huwa qieghed jirritjeni li jekk iz-zmien ta' l-arrest preventiv ma jitnaqqasx mill-piena inflitta fuqu bis-sentenzi fuq riferiti, allura l-appellant ikun qieghed jiskonta b'kollox zmien ta' prigunerija aktar minn dak li ghalih gie ikkundannat. Dan hu hekk billi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali ma hemm xejn dwar il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv.

7. Is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi, *inter alia*, li hadd ma ghandu jigi privat mil-liberta` personali tieghu hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi fil-kazijiet specifici li l-istess subartikolu jsemmi. Fost-kazijiet ohra, dan is-subartikolu jindika li persuna tista' tigi ipprivata mil-liberta` personali taghha fuq suspett ragjonevoli li hija tkun ikkommettiet jew tkun ser tikkommetti reat kriminali, kif ukoll hija tista' tigi privata mil-liberta` personali taghha fl-ezekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' Qorti dwar reat kriminali li tieghu dik il-persuna kienet giet misjuba hatja. Huwa ovvju ghalhekk, li kemm

l-arrest preventiv ta’ l-appellant, kif ukoll il-piena karcerarja inflitta mill-Qorti ta’ guridizzjoni kriminali ma jistghu qatt jitqiesu, fihom infushom bhala xi perjodi ta’ arrest illegali jew abbuziv fil-konfront ta’ l-appellanti. Ghandu jinghad ukoll li din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni ta’ l-appellant ripetuta bosta drabi f’dawn il-proceduri u cioe` li s-sentenza li ikkundannatu ghall-piena ta’ hdax-il (11) sena prigunerija ma ssemmi xejn dwar il-perjodu ta’ arrest preventiv li huwa ghamel in konnessjoni ma’ dan il-kaz. Is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fid-19 ta’ April 2001, tinsab esebita a fol. 29 *et sequitur* tal-process u din is-sentenza tinkorpora fiha s-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija fil-konfront ta’ l-appellant fl-24 ta’ Jannar, 2000. Kontrarjament ghal dak li qieghed isostni l-appellant, din l-ahhar imsemmija sentenza, li infliggjiet il-piena karcerarja ta’ hdax-il (11) sena fuq l-appellant, <u>espressament</u> issemmi li fil-komputazzjoni ta’ din il-piena l-Qorti kienet hadet in konsiderazzjoni diversi cirkostanzi li ssemmew fl-istess sentenza fosthom <u>“iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz”</u> (a fol 30). Bl-istess mod, anke s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fid-19 ta’ April 2001, u li ikkonfermat is-sentenza appellata, ghamlet espressa referenza ghall-fatt li l-ewwel Qorti, verament, fost ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kienet hadet in konsiderazzjoni z-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv (a fol. 32). Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellant ma jistax jintlaqa’.

8. It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu maghmul li jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta qalet li dawn il-proceduri ma ghandhomx ikunu forma ta’ appell mis-sentenza tal-Qorti Kriminali. L-appellat irrileva li l-procedura odjerna ma kienitx bazata fuq il-motiv li l-piena inflitta kienet xi wahda ingusta. Invece, dawn il-proceduri huma bazati fuq lanjanza kostituzzjonali, li sabiex jintavolaha quddiem il-Qorti kompetenti, l-appellant kellu bilfors jezawrixxi l-proceduri legali kollha opportuni inkluza l-procedura ta’ l-appell kriminali.

9. Dan l-aggravju wkoll huwa infondat ghaliex kull ma stqarret il-Qorti fl-ahhar parti tas-sentenza taghha kienet : "ghandu wkoll jigi rilevat li dawn il-proceduri mhux proceduri ulterjuri ta' l-appell."

Din id-dikjarazzjoni tal-Qorti ma tfissirx li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qeghda tikkonsidra li l-proceduri odjerni kienu intizi biex jisservu bhala xi forma ta' appell mis-sentenza tal-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali. L-imsemmija dikjarazzjoni tal-Qorti tfisser biss li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qed izzomm quddiem ghajnejha li l-mansjoni taghha f'dawn il-proceduri kien unikament li tezamina l-lanjanza kostituzzjonali mressqa mill-appellant quddiemha, u cioe` jekk kienx hemm f'dan il-kaz verament vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif protetti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.

10. It-tielet aggravju li ressaq l-appellant ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jikkonsisti bazikament fl-allegazzjoni li s-sentenzi citati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kienux relevanti ghall-kwistjoni dibattuta f'din il-kawza. L-appellant qieghed jallega li fil-konfront tieghu sar ksur ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, minhabba l-fatti li s-sentenza tal-Qorti Kriminali, ma kienet qalet xejn dwar il-perjodu li hu ghamel taht arrest preventiv. Il-ksur ta' l-imsemmi artikolu jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-perjodu ta' prigunerija li ghalih gie ikkundannat l-appellant bis-sentenza tal-Qorti Kriminali, ser jigi estiz b'cirka tlett (3) snin aktar.

11. Anke dan l-aggravju ma huwiex ben fondat. Il-gurisprudenza kwotata mill-ewwel Onorabbli Qorti kienet relevanti ghall-kaz. Inoltre, kif diga` ntqal aktar qabel f'din is-sentenza, meta l-Onorabbli Qorti Kriminali infliggiet il-piena karcerarja ta' hdax-il (11) sena fuq l-appellant, hija qalet espressament fis-sentenza taghha li kienet hadet in konsiderazzjoni z-zmien li l-istess appellant kien ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

12 Bir-raba' aggravju tieghu, l-appellant qieghed isostni li t-tezi tieghu tant hija korretta illi fis-sena 2002 saret emenda ghall-Kodici Kriminali, ezattament fl-Artikolu 22 ta' l-istess kodici, b'mod li t-tezi tieghu giet proprju inkorporata fil-ligi kriminali taghna sabiex tigi evitata sitwazzjoni anomala bhal dak li sab ruhu fiha l-appellant.

13. L-emenda in kwistjoni nehhiet id-diskrezzjoni li kienet tgawdi l-Qorti Kriminali li tnaqqas jew ma tnaqqasx iz-zmien ta' l-arrest preventiv mill-piena karcerarja li setghet tinfliggi. Pero`, huwa sinjifikattiv li l-istess emenda ma ghamlet l-ebda accenn li l-effett taghha kellu jkun retroattiv. L-emenda tal-Kodici Kriminali in kwistjoni ccarat il-posizzjoni, izda bl-ebda mod ma jista' jigi argumentat korrettement li decizjonijiet moghtija a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, kif kien qabel ma saret l-emenda in kwistjoni, u li ma semmew xejn dwar il-perjodu ta' arrest preventiv meta gew biex jikkundannaw il-hati ghall-piena karcerarja, kellhom jitqiesu li kienu b'xi mod anti-kostituzzjonali.

14. Il-hames u l-ahhar aggravju ta' l-appellant jirreferi ghall-principju illi kull persuna hija prezunta innocenti sakemm ma tinstabx hatja u allura kull perjodu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv kellu jitnaqqas mill-piena finali li gie ikkundannat ghaliha. L-appellant jerga' jsostni li fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali anqas biss jisemma' xejn dwar iz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv.

15. Anke dan l-aggravju mhuwiex fondat. Din il-Qorti diga` ssenjalat aktar qabel f'din is-sentenza li s-sentenzi li nghataw fil-konfront ta' l-appellant mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali effettivament kienu ghamlu espress riferenza ghall-perjodu li l-appellant ghadda f'arrest preventiv, liema perjodu kien allura ttiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-piena. Ta' min izid hawn illi jirrizulta mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, li dik il-Qorti kienet ikkummentat illi meta l-Onorabbli Qorti Kriminali infliggjiet il-piena karcerarja ta' hdax-il (11) sena hija kienet ferm moderata f'dik il-piena ghaliex fil-fatt kienet infliggiet

anqas min-nofs tal-piena li setghet tigi applikata ghal reati li taghhom l-appellant ammetta u nstab hati. Minhabba f'dan, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet ikkonkludiet li l-Onorabbli Qorti Kriminali effettivament u realment kienet hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha relevanti ghall-kaz u li ssemmew fl-istess sentenza taghha, fosthom iz-zmien li l-appellant kien ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

16. Illi ghalhekk din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ebda wiehed mill-aggravji mressqa ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti mill-appellant ma jista' jintlaqa'. Din il-Qorti sostanzjalment taqbel mar-ragjonament u l-motivazzjoni kontenuta fis-sentenza appellata u ma ghandha xejn x'izzid ta' utilita` ma' dik il-motivazzjoni. Fid-dawl ta' dan kollu allura l-appell ma jistax jintlaqa'.

17. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu wkoll a karigu ta' l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------